# MMLT106 It-Tagħlim tal-Metalingwa: Pedagoġija u Assessjar

ECTS Value: 2 ECTS
Contact Hours: 5
Self-Study Hours: 12
Assessment Hours: 8

## Overall Objectives and Outcomes

Din l-unità tittratta l-lingwa li tiddeskrivi l-lingwa, jiġifieri l-lingwa użata fid-deskrizzjonijiet lingwistiċi tal-Malti.Hi unità mfassla biex tlaqqa' lill-parteċipanti mal-kunċetti ewlenin tal-metalingwa, u mal-prattiki u t-terminoloġija bażika u kumplessa mħaddma fil-kitbiet lingwistiċi. Ilsienna żviluppa ġmielu f'dan il-qasam lingwistiku u għaldaqstant jixraq li l-parteċipanti jkollhom ħakma soda tal-metalingwa biex jużawha fil-proċess tat-tagħlim tal-Malti u fl-assessjar tal-istudenti tas-sekondarja, fi friegħi ewlenin bħall-ortografija, il-punteġġjatura, il-morfoloġija u s-sintassi.

By the end of this module, the learner will be able to:

### Competences:

a. iħaddmu l-lingwaġġ mir-reġistru lingwistiku biex jiddeskrivu kunċetti sempliċi u kumplessi mill-grammatika u l-lingwistika tal-Malti, fi friegħi ewlenin bħall-ortografija, il-punteġġjatura, il-morfoloġija u s-sintassi.
b. jimxu ma' mudelli ewlenin fl-iżvilupp ta' terminoloġija lingwistika bħala kontribut għal Glossarju jew Dizzjunarju Lingwistiku bil-Malti.
c. iħejju lezzjonijiet bil-Malti dwar xi qasam lingwistiku biex juru li kapaċi jiddeskrivu kunċetti lingwistiċi bil-Malti fil-prattika.
d. iħaddmu l-metalingwa fil-klassijiet u jassessjawha skont mudelli stabbiliti.

### Knowledge:

a. jitħarrġu fl-għarfien u fl-użu tar-reġistru lingwistiku bil-Malti fi friegħi ewlenin bħall-ortografija, il-punteġġjatura, il-morfoloġija u s-sintassi.
b. jitlaqqgħu ma' kitbiet u deskrizzjonijiet lingwistiċi ta' lingwisti ewlenin u jagħrfu l-importanza li dawn il-kitbiet jagħnuhom u jżommuhom aġġornati mal-iżviluppi fil-lingwa.
c. jagħrfu l-importanza ta' tħaddim preċiż tal-metalingwa fil-klassi biex l-istudenti jkunu esposti għal tagħlim lingwistiku aktar xjentifiku.
d. japprezzaw il-letteratura lingwistika tal-Malti li diġà ġiet ippubblikata f'journals u pubblikazzjonijiet lokali u barranin li tgħinhom fl-awtotaħriġ u biex iżommu ruħhom aġġornati mal-aktar deskrizzjonijiet riċenti ta' Ilsienna.
e. jirriflettu fuq il-prattiki ppreżentati u diskussi waqt din l-unità, u fuq l-importanza ta' għarfien fil-metalingwa bħala parti mill-proċess tant utli biex ikunu kapaċi jifhmu r-riżorsi disponibbli fit-tagħlim tal-lingwa u biex jesploraw kunċetti grammatikali ġodda li jgħinuhom iwasslu tagħlim aktar preċiż.
f. ifittxu materjal lingwistiku, jisiltu eżempji ta' metalingwa u jagħnu l-ġabriet personali tagħhom bħala parti minn proċess kontinwu ta' żvilupp personali f'din il-lingwa.

### Skills:

a. jifhmu kitbiet lingwistiċi bil-Malti u dwar il-Malti, fi friegħi ewlenin bħall-ortografija, il-punteġġjatura, il-morfoloġija u s-sintassi.

Institute for Education, Martin Luther King Road, Pembroke PBK 1990. Tel: +35625982001 | Email: ife@ilearn.edu.mt

b. jużaw il-metalingwa fil-kitbiet tagħhom, fil-lezzjonijiet, fl-eżerċizzji, fl-ispjegazzjonijiet u ~~u~~ jadattawhom għal etajiet, ħiliet u livelli ta’ studenti differenti.
c. iwasslu kunċetti bażiċi tal-metalingwa lill-istudenti u jassessjawhom fuqhom.
d. jikkontribwixxu għat-terminoloġija lingwistika bil-Malti, permezz ta’ mudelli diġà stabbiliti fil-kitbiet ippubblikati.
e. jaqraw kitbiet lingwistiċi bil-Malti u jkunu kapaċi jifhmu kunċetti tekniċi li jintużaw fid-deskrizzjoni tal-lingwa.

## Assessment Methods

This module will be assessed through: Diskussjoni fil-forum, Assenjament.

## Suggested Readings

### Core Reading List:


1. Ellis, R. (2012) Language Teaching Research and Language Pedagogy. Ir-Renju Unit: Blackwell Publishing.
2. Kumaravadivelu, B. (2005) Understanding Language Teaching: from Method to Postmethod. Taylor & Francis Inc.
3. http://www.schoolslearningoutcomes.edu.mt/en/
4. https://malti.skola.edu.mt/sillabi-godda/


### Supplementary Reading List:

Crystal, D. (2008) A Dictionary of Linguistics and Phonetics. Ir-Renju Unit: Blackwell Publishing.

Institute for Education, Martin Luther King Road, Pembroke PBK 1990. Tel: +35625982001 | Email: ife@ilearn.edu.mt